# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XLV**
**Illum it-Tnejn, 30 ta' April, 2001**

**Appell Nru 10/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Sylvan Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Sylvan Busuttil talli fil-15 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tas-7.30 p.m., waqt li kien fl-inhawi ta' B'Bugia (**1**) kien ghall-kacca b'senter Benelli s.n. U010162 meta ma kellux licenzja ghall-kacca, u dan bi ksur ta' l-A.L. 146/93; u aktar (**2**) talli kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tal-Art. 3(1) tal-Kap. 66; l-ewwel qorti kienet mitluba li barra milli taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska ta' l-oggetti ezibiti kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji tal-armi u tal-kacca ghal mhux anqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Jannar, 2001 li, fil-parti dispozittiva taghha, tghid hekk:

"Illi l-imputat ghazel li ma jixhedx u kwindi l-provi li l-Qorti ghandha quddiemha huma dawk imressqa u prodotti mill-prosekuzzjoni.
"Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi il-Qorti hija tal-fehma illi l-akkuza tirrizulta pruvata u cioe` li l-imputat kellu fil-kontroll tieghu arma tan-nar barra mill-fond meta ma kienx licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija.
"Il-Qorti hi tal-fehma pero` li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-proviso tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 u timponi multa.
"Ghaldaqstant filwaqt li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu, rat ic-citat proviso tal-Kapitolu 66 u tikkundannah Lm30 (tletin lira Maltin).";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Sylvan Busuttil, minnu ppresentat fit-22 ta' Jannar, 2001, li permezz tieghu talab <u>ir-revoka</u> ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-Qorti qed tissolleva *ex officio* in-nullita` tas-sentenza ta' l-ewwel qorti. Ghalkemm huwa evidenti li kien hemm zewg imputazzjonijiet, li kull wahda minnhom tipotizza reat differenti, l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, titkellem dwar akkuza wahda u tassumi reat wiehed – ir-reat ta' min ikollu fil-kontroll tieghu arma tan-nar barra minn fond minghajr id-debita licenzja (Art. 3(1A) tal-Kap. 66). Dwar l-ewwel imputazzjoni u r-reat ipotizzat b'dik l-imputazzjoni, l-ewwel qorti ma ppronunzjat ruhha b'ebda mod. Wiehed jista' jassumi li dik il-qorti kienet qed tillibera lill-imputat Busuttil minn dik l-imputazzjoni; izda jekk din il-Qorti tassumi hekk, allura ir-rikors ta' appell odjern ikun null, peress li t-talba f'dan ir-rikors hija ghar-revoka u mhux ghar-riforma tas-sentenza. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tippenalizza lill-appellant minhabba nuqqas ta' l-ewwel qorti. Hu evidenti li bil-mod kif inhi formulata s-sentenza ta' l-ewwel qorti, l-appellant gie sgwidat fil-mod kif ghandu jifformula t-talba fl-appell tieghu.

Pero` hemm raguni aktar impellenti ghala s-sentenza ta' l-ewwel qorti ghandha tigi annullata. Skond l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tal-Magistrati, fis-sentenza taghha moghtija kontra l-imputat, ghandha ssemmi, fost affarijiet ohra, l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li tieghu tkun qed issib lill-imputat hati. Issa, fil-kaz in dizamina, dana l-vot tal-ligi – formalita` li dejjem giet ritenuta bhala wahda "sostanzjali" fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 428 tal-Kap. 9 – ma jigix sodisfatt bis-semplici referenza ghall-Artikolu 3 tal-Kap. 66. Dana l-Artikolu 3 jikkontempla zewg reati differenti fiz-zewg subartikoli tieghu, u ghalhekk huwa necessarju li jigi indikat is-subartikolu in kwistjoni. Infatti, kuntrarjament ghal dak li kemm indikat fil-komparixxi – riprodotta fil-bidu ta' dan il-gudikat – ir-reat ta' min ikollu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew ikollu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar barra minn fond minghajr id-debita licenzja, jinsab fis-subartikolu (1A) u mhux fis-subartikolu (1). L-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, tghid li qed tapplika "il-proviso tal-Artikolu 3"; kemm is-subartikolu (1) kif ukoll is-subratikolu (1A) ghandhom proviso, u kull wiehed minn dawn il-proviso huwa differenti. Jekk l-ewwel qorti riedet tapplika l-proviso tas-subartikolu (1A) ir-risultat kellu jkun li ma taghti ebda piena, u mhux tikkundanna ghal multa ta' tletin lira. Jekk, mill-banda l-ohra, kif x'aktarx jidher li hu l-kaz, kienet qed tapplika l-proviso tas-subartikolu (1), dan il-proviso japplika biss fil-kaz ta' arma (jew munizzjon) mizmuma minghajr id-debita licenzja f'fond u mhux ghall-kaz meta tali arma tinzamm "barra minn fond jew post li jaghmel mieghu", u ghalhekk dana l-proviso m'ghandux x'jaqsam mat-tieni imputazzjoni. Thares kif thares lejha hemm konfuzjoni shiha fis-sentenza, liema konfuzjoni tista' tigi rizolta biss billi s-sentenza tigi annullata.

Din il-Qorti, pero`, mhix tal-fehma li ghandha tisma' l-kawza mill-gdid hi, u dan sabiex ma tipprivax lill-partijiet, u specjalment lill-appellant Busuttil, mill-beneficcju tad-doppju ezami.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti qeghdha thassar u tannulla s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jergghu jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti tisma' l-kawza mill-gdid u tiddeciedi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sylvan Busuttil skond il-ligi.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur